MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 423/2003

**Emmanuel Cassar**

**vs**

**Melchior Bonnici**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fit-28 ta’ Awissu, 2003, fejn talab lil din il-Qorti illi prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut iddekada mit-terminu u tilef il-beneficcju taz-zmien, tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas u jirrestitwixxi s-somma ta’ elf, hames mija u sittin lira Maltin (Lm1,560) dovuta lill-attur skond il-ftehim datat 29 ta’ Jannar, 2003 (kopja annessa bhala Dok. A)

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Melchior Bonnici fejn eccepixxa:

1. Illi l-eccipjent jecepixxi illi s-somma mitluba mill-attur mhix dovuta stante illi l-kunsens ta’ l-eccipjenti fuq l-iskrittura ta’ kostituzzjoni ta’ debitu datata 29 ta’ Jannar, 2003 kien vizzjat stante illi dan ittiehed b’koerzjoni minn naha ta’ l-attur u meta l-eccipjenti kien ukoll taht koerzjoni minn certa Mario Cutajar li huwa ex-impjegat tal-kumpanija li fiha l-attur huwa direttur (fatt li kien ukoll a konoxxenza ta’ l-istess attur) u dana hekk kif se jkollu l-opportunita’ li jipprova l-eccipjenti waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi fil-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li l-konvenut ghamel xi snin jahdem fl-istabbiliment ta’ l-attur maghruf bhala ‘Melita Restaurant’, Hal Balzan. Fl-imkien mall-konvenut kien hemm il-kok, Mario Cutajar u jidher li dan ta’ l-ahhar beda jirrikatta lill-konvenut sabiex igiblu flus u fliexken tal-whiskey, proprjeta’ ta’ l-attur u jghaddihom lil Cutajar.

Il-konvenut ceda ghal din il-pressjoni u fuq medda ta’ zmien approprja ruhu minn kwantita’ ta’ whiskey u flus minn kaxxi tal-loghob u ghaddihom lil Cutajar.

Meta din l-operazzjoni harget fil-berah, Cutajar gie arrestat u mressaq il-Qorti. Izda l-attur, li ma kienx jaf ezattament x’qed jigri, u fuq ammissjoni ta’ l-istess konvenut, dahal fi ftehim mieghu permezz ta’ skrittura tad-29 ta’ Jannar, 2003 (fol. 2), fejn il-konvenut ikkostitwixxa ruhu cert, veru u likwidu debitur favur ta’ l-attur fis-somma ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000). Gie koncess lill-konvenut il-fakulta illi jhallas din is-somma bir-rata ta’ ghoxrin lira Maltin (Lm20) fix-xahar. Saru xi pagamenti, pero’ wara xi

zmien waqfu u l-konvenut ma baqax aktar fl-impjieg ma' l-attur.

Ghalhekk, l-attur istitwixxa din il-kawza sabiex jirkupra l-bilanc dovut lilu abbazi ta' l-iskrittura fuq imsemmija. Minn naha l-ohra, l-konvenut qed jghid illi dak il-kunsens illi nghata f'dik l-iskrittura kien vizzjat minhabba koerzjoni minn naha ta' l-attur u ghalhekk ma kienx tenut ihallas il-bilanc kif rikjest mill-attur.

Ikkunsidrat:

Jighad mill-bidu nett illi mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tindaga l-allegazzjoni ta' vjolenza mqajjma mill-konvenut fl-eccezzjoni tieghu. Din tista' tigi mistharrga biss f'kawza *ad hoc* fejn il-konvenut jitlob ghal dikjarazzjoni ta' annullabilita' minhabba vizzju tal-kunsens minhabba l-allegata koerzjoni wzata fuqu.

Fil-kawza <u>Michele Tabone vs Maria Vincenza Mifsud</u> (Vol. XXXVIII p 51) inghad, "Kunsens mehud bi vjolenza mhux null imma nvalidu jigfieri ma jkun jiswa. Konsegwentement, il-vjolenza tiggenera azzjoni ta' nullita' li nsegwitu ghaliha l-kuntratt ghandu jaqa'. Imma l-kuntratt ma jkunx inezistenti, izda biss annullabbli. U meta l-kwistjoni hi ta' nullita', l-konvenut jista' jissolleva dik in-nullita' b'eccezzjoni; mentri meta l-eccezzjoni tkun annullabilita', ma tistax tingieb 'il quddiem, imma b'azzjoni *ad hoc*.

L-istess <u>Anthony Joseph Bajada vs Pauline Lamb</u> (Vol. XXXVI P II p 585), hawnhekk il-Qorti qalet, "Kunsens mehud bi vjolenza ma jiswix. Dan pero' ma jfissirx li l-obbligazzjoni hija nulla, imma biss li hija nvalida. Hija gurisprudenza kostanti li meta kwistjoni hija ta' nullita', l-konvenut f'kawza jista' jaghtiha b'eccezzjoni; imma jekk il-kwistjoni hija wahda ta' annullabilita, ma tistax tingieb 'il quddiem hlief b'azzjoni *ad hoc*."

L-eccezzjoni tal-konvenut hija cara. Dan qed jeccepixxi l-annulabilita' ta' l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu

peress illi kien vizzjat stante li dan ittiehed b'koerzjoni minn naha ta' l-attur.

Fuq l-iskorta tat-taghlim fuq imsemmi, din il-Qorti hija prekluza milli taghmel dan l-indagni u ghalhekk trid tiehu l-iskrittura kif inhi u tara jekk hemmx xi element ta' nullita' fih.

Ikkunsidrat:

L-iskrittura tad-29 ta' Jannar, 2003 saret fil-prezenza ta' nutar pubbliku li ffirma bhala xhud ta' l-identita'. In Nutar Marco Farrugia xehed f'dawn l-atti fejn stqarr illi ma kien hemm xejn irregolari f'dan il-ftehim u lanqas ma gibdulu l-attenzjoni l-attitudni u l-imgieba tal-partijiet. In-Nutar ghamilha cara, illi kieku nduna b'xi haga kien iwaqqaf il-ftehim u ma jkomplix jirredigih. Fi kwalunkwe kaz, il-ftehim fih l-elementi kollha ghall-validita' tieghu. Il-partijiet debitament iffirmaw fuq id-dokument fejn, skond il-ligi l-konvenut ikkonstitwixxi ruhu veru, cert u likwidu debitur favur ta' l-attur Emanuel Cassar. U jekk sakemm ma jkunx hemm dikjarazzjoni gudizjarja li tghid mod iehor, il-Qorti tqies dan id-dokument bhala validu u vinkolanti l-partijiet ghal kull fini u effetti tal-ligi.

L-iskrittura hija cara, ma hemmx ambigwita' fiha u ghalhekk mhux permess illi tingieb xhieda viva voce biex tispjega dan (ara <u>Albert Brincat et vs Anthony Saliba et</u> Appell 14 ta' Novembru, 1983).

Il-Qorti hawnhek tiehu principju mit-taghlim fid-dritt Ruman illi, "quoties in verbis nulla est ambiguitas, ibi nulla exposito contra verba fienda est." Meta d-digitura ta' dokument miktub huwa car, l-ebda kostruzzjoni ma ghandha tinghata biex tikkontradixxi d-digitura miktuba. Ghalhekk, din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni l-ghala ghandha tiddipartixxi minn dak illi ftehmu l-partijiet bl-iskrittura tad-29 ta' Jannnar, 2003.

Fix-xhieda tieghu l-attur qal illi l-konvenut ghamel xi pagamenti u li kien ghalhekk illi f'din l-azzjoni qieghed

jitlob il-bilanc ta’ elf u hames mija u sittin lira Maltin (Lm1,560), somma li din il-Qorti jidhrilha illi ghandha tilqa’.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur, tiddkjara li l-konvenut iddekada mit-terminu u tilef il-beneficcju ta’ zmien kif provdut fil-ftehim datat 29 ta’ Jannar, 2003 in atti Nutar Dr Marco Farrugia u tikkundanna lill-istess konvenut li jhallas u jirrestitwixxi s-somma ta’ elf u hames mija u sittin lira Maltin (Lm1,560) dovuti lill-attur skond il-ftehim fuq imsemmi.

Bl-ispejejz u bl-imgahx legali mid-data ta’ din is-sentenza kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------